# Mill-Arkivju tal-Parroċċa

L-arkivji parrokkjali kemm f'Malta kif ukoll barra jiffurmaw parti kbira mill-istorja. Wara kollox l-istorja hija rakkont ta' ġrajjiet li seħħew fl-imgħoddi. Mill-manuskritti ekkleżjastiċi wieħed jista' jiġbor tagħrif kemm dwar nies, sitwazzjonijiet jew oġġetti li eżistew qabel. Kull meta nqalleb dawk id-dokumenti, f'qalbi ngħid li dawn in-nies kienu min kienu, u kienu x'kienu, kollha ġew u marru u ħadd minnhom ma baqa' hawn. Iżda l-informazzjoni dwarhom baqgħet u bniet parti kbira mill-istorja ta' pajjiżna. Fl-imgħoddi l-knisja f'Malta kienet tista' tgħid l-istituzzjoni ewlenija wara dik ta' l-Università. Iktar tard fi żmien l-Ordni kien hemm poter ieħor ekkleżjastiku li kien immexxi mis-Sant Uffizzju li minn naħa l-oħra jagħti stampa ċara tal-ħajja tal-poplu minn ħafna aspetti. Għalhekk, tista' tgħid li sa meta Malta sabet ruħha mmexxija mill-gvern Ingliż, il-Knisja kellha t-treġija kollha ta' dak li huwa spiritwali jew b'xi mod marbut miegħu. Wara li Malta saret parti mill-Imperu Ingliż, il-knisja xorta waħda baqgħet iżżomm l-arkivji bir-reqqa kollha possibli, iżda l-amministrazzjoni governattiva bdiet iżżomm tagħha wkoll. Għalhekk, l-arkivju tal-parroċċa huwa s-sors ewlieni li jagħti stampa cara dwar il-poplu ta' Birmituħ u iżjed tard tal-Gudja.



*Paġna 17 ta' l-ewwel volum (parti nru. 1) tar-Reġistru tal-Magħmudija tal-Parroċċa Birmiftuħ - Gudja*

L-arkivju tal-parroċċa ta' Birmiftuħ u iktar tard Gudja, jibda minn nofs is-seklu sittax. Dan l-arkivju fih żewġ taqsimiet, u kull taqsima fiha taqsimiet oħrajn. Taqsima minnhom fiha r-reġistri tal-Magħmudija, tal-Griżma, taż-żwieġ u tal-Mewt. It-taqsima l-oħra insibu fiha fundazzjonijiet ta' legati; *status animarum*; dħul u ħruġ finanzjarju tal-knisja parrokkjali, diversi artali u l-festi marbutin magħhom, u knejjes filjali; dħul u ħruġ minn propjeta' li l-knisja kienet[1] tagħti b'ċens jew bi qbiela; rapporti dwar ħsarat fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija u t-tiswijiet li kienu meħtieġa; inventarju tal-parroċċa li jkopri wkoll il-fratellanzi; u dak kollu li l-kappillan u l-prokuraturi kellhom l-obbligu li jżommu notamenti dwaru għas-sodisfazzjoni tal-poplu, u ta' l-awdituri li kull tant żmien kienu jeżaminaw dawn il-kotba.

Sas-sena 1983 il-kitba fir-reġistri kienet issir bil-Latin għalkemm kultant issib xi taħlit bit-Taljan[2]. Mill-bidu tas-sena 1984 ir-reġistrazzjonijiet kollha fl-arkivju parrokkjali bdew jinkitbu bil-Malti. Fl-14 ta' Settembru 1560 ħal Dun Bartilmew Mangion viċi kappillan kiteb li għammed lil Vinċenzu minn Ħal Luqa iben Mikiel Mallia u Margarita miżżewġin. Il-parrinijiet kienu Pawla armla ta' Toni Axisa u Wenzu Bondin[3]. Fl-4 ta' Marzu 1559 Dun Pankrazju Arċidjaknu u Kappillan għammed lil Antonia bint Marjan Mallia u Antonella miżżewġin. Il-parrinijiet kienu Margarita Magro, ġanni Vella u Bastjan Borg[4]. Fir-registru kien kiteb hekk:-

*Die 14 7bris 1560*

*Luca* — *ego d. bartholomej mangionj vicecapp's batizavj vincentiu f' michaelis mallia et malgarita jugales com. ad cat. Paula relicta antoni haxixa ad fonte laurentij bondijn.*

*Die 4 Martij 1559*

*Gudia* — *ego d.Pancratij Archidiac' et Capp' baptizavj antonia f' marianj mallia et antonella jugales comp.1. margarita maghru 2. Joanni vella et Salvaturi borg*

Fit-30 t'Awissu 1604, fir-reġistru taż-żwieġ kiteb li fil-preżenza tiegħu Dun Mario Mallia Kappillan, fil-knisja parrokkjali ta' Birmiftuħ assistit mix-xhieda r-Reverendu Dun Xmun Żammit, Ġiloru Caruana u ġanni Bonniċi sar il-kuntratt taż-żwieġ bil-fomm bejn Lawrenz Dalli minn ħal Xluq u ġanna armla tal-mejjet Andrea Aquilina minn Ħal Luqa, wara tlett tnidijiet fil-parroċċa ta' Birmiftuħ u tas-Siġġiewi skond il-Konċilju ta' Trentu[5].

Fit-30 ta' Jannar 1575 wara tlett tnidijiet tas-soltu u ma tfaċċa l-ebda impediment bejn ġakbu Borġ u Katarina bint Damjan Imbrogl minn ħal Farruġ, iffirmaw iż-żwieġ tagħhom quddiem il-kjeriku Anġlu Mallia u l-kjeriku Gaspar Grixti u llum saru ta' xulxin fiż-żwieġ[6]. Fir-reġistru kien kiteb hekk:-

*Die 30 Augusti 1604*

*Coram me D. Mario Mallia Cappell'o parrochialis ecclesia Birmiftuh, Admul R'do D. Simone Zammit, Hieronimo Caruana et Joanne Bonnici testibus contractu fuit mat'im p' verba de p'nti inter Laurentiu' Dalli Casal Siluc et Joannam relicta' qad' Andrea Aquilina Casal Luca precedente triña monitione in mea et Sigieui parrochia juxta forma et declarationis Sac conc Trident'.*

*Matrimonii de 1575*

*Fu facta latrina solita admonitine et no' li ha trovato nullo impedimento fra jacobo borg et catherina figla di dominico imbrogl di casali farrug et a li 30 d'januario 1575 fu firmato il matrimonio p'senti il clerico a'gelo mallia et il clerico gaspare g'xti et eode die foro i'goaiati et sposati.*

Legati u piżijiet kienu jsiru għand in-nutar, ġeneralment meta l-persuna tagħmel it-testment tagħha. Il-piż kien ikun marbut ma' quddies, tinxtgħel lampa quddiem xi artal, għal dota ta' xi xebba fqira, u ħafna skopijiet oħrajn li kienu jaraw meħtieġa u bihom jakkwistaw talb għal ruħhom. Xi drabi kienet ukoll issir skrittura mill-kappillan skond ma kienet tkun ix-xewqa tal-moribond. Din l-iksrittura kien jiktiba fid-Defuctorum.

Pietru Farruġia fit-testment tiegħu li jinsab fl-atti tan-Nutar Natale Darmanino tad-9 t'April 1636 ħalla piż ta' skud fuq għalqa msejjħa Ta' Sidra fl-inħawi ta' ħal Farruġ qrib Għar ħanżir[7]. Mikielanġ Abdilla ħalla piż ta' 6 skudi fuq għalqa fl-inħawi ta' San Nikola Tal-Brolli biex b'dan l-obbligu tinxtgħel il-lampa fil-knisja profanata tal-Annunzjata[8].

Fit-12 ta' Jannar 1745 wara li l-kappillan ġann Pawl Balzan qarar lil Marju Grech ta' madwar 80 sena iben Xandru u Maria, ta lill-kappillan 25 skud għall-funeral u biex isir quddies għall-ruħu u għal ibnu Ġanni Grech, ħalla wkoll skud għall-Konfraternità tar-Rużarju u skud ieħor għall-Konfraternità tas-Sagrament[9].

## Il-'Baptizimarum' – Ir-reġistru tal-magħmudijiet

Il-'Baptizimarum' li huwa r-reġistru tal-magħmudija, jagħtina informazzjoni dwar it-trabi li kienu jitressqu għas-sagrament tal-magħmudija kull sena. Naraw ukoll kemm kienu jitwieldu trabi fil-periklu tal-mewt u naturalment kienet tgħammidhom il-qabla jew xi qraba. Fit-8 ta' Lulju 1601 il-kappillan għamel il-mistoqsijiet tar-rit tal-magħmudija lil Brizju Briffa parrinu tat-tarbija ta' Mikiel Farrugia u Marietta, għax it-tarbija kienet tgħamdet mill-qabla fid-dar tal-ġenituri[10].

Fir-reġistrazzjonijiet bikrin il-kappillan kien jikteb ir-raħal li fih twieldet it-tarbija (il-kappillan ta' Birmiftuh kellu ġurisdizzjoni fuq seba' rħula), id-data tal-magħmudija u d-data tat-twelid. Kien jikteb ukoll isem u kunjom il-missier u isem l-omm, u min kienu l-parrini. Iktar tard bdiet tinkiteb iktar informazzjoni bħal isem il-missier tal-ġenituri tat-tarbija, il-ħin tat-twelid, u isem il-qabla.

Fl-1 ta' Novembru 1556 tgħammed Baldassaro, iben Nardu Cassar mill-Mqabba u mwieled minn Angela miżżewġa. Il-parrini kienu Berzo Ellun, Toni Xicluna u Vestru Bunichj[11].

Fil-28 t'April 1656 il-kappillan Dun Ġwann Gatt għammed lit-tarbija mwielda minn Wenzu

Hellul u Katarinuzza miżżewġin, u semmewha Martha. Il-parrina kienet Intiona mart Bastjan deLaurentio[12].

Fit-23 t'Awissu 1756 il-kappillan ġanPawl Balzan għammed lit-tarbija mwielda fil-jum ta' qabel minn Indri Barbara u Marija miżżewġin u parruċċani tiegħu. It-tarbija issemmiet Evanġelista u Liberata. Il-parrini kienu Xandru Dalli bin Indri, u Tereża Barbara mart Ġużeppi Barbara, it-tnejn mill-Gudja[13]. F'dan il-każ l-omm kien jisimha Polidora[14] iżda kienu jsejħulha Marija kif inkitbet fir-reġistru.

Fit-22 ta' Frar 1856 Dun ġwann Battista Zammit kappillan tal-Gudja għammed lit-tarbija bint Mattew Mifsud u Rosa Sammut miżżewġin u joqogħdu l-Gudja. It-tarbija semmewha Fortunata, Tereża, Marija u Carmela. Il-parrini kienu Baskal Calleja bin Ġużeppi, u Natalizja Castagna bint il-mejjet Salvu, it-tnejn mill-Gudja[15].

Minn dan ir-reġistru wieħed jista' jara liema kienu l-familji sinjuri għax dawn kienu sikwit iressqu xi lsir biex jitgħammed. Fid-19 ta' Frar 1570 tgħammed Ġanni l-ilsir ta' Dun Pankratju Micallef Arcidjaknu u rettur tal-parroċċa ta' Birmiftuħ[16]. Fil-31 ta' Mejju 1589 tgħammed Vinċenzu l-ilsir tal-Manifku Bartilmew Habela minn Ħal Tarxien[17]. Fl-4 ta' Settembru 1590 tgħammdet Barbara bint Diana l-ilsira ta' Ġulju Busitil minn Ħal Tarxien[18], u fis-6 ta' Settembru 1591 l-istess ilsira Diana weldet tarbija oħra u semmieta Ursula[19]. Fid-9 ta' Mejju 1693 il-kappillan Dun Bernard Dingli bis-setgħa mogħtija lilu mill-isqof, għammed lil Anna Marija Mawmettana ilsira tal-Manifku Mattew Busuttil u martu s-Sinjura Duminka t-tnejn mill-Gudja[20].

Dawn il-familji kienu wkoll jispikkaw mill-kwalità ta' parrinijiet li kien ikollha t-tarbija. ħafna drabi dawn kien jkunu membri ta' l-Ordni. Fosthom insibu lill-kavallier u kaptan ta' Birmiftuħ De Warsbergh, Ġilormu Cassar, u Ippolito Novanteri, nies magħrufin li ħallew isimhom marbut ma' dan ir-raħal. Dan ma jfissirx li familji sinjuri biss kienu jistiednu l-dawn it-talin bħala parrini ta' wliedhom. Kienu ħafna dawk li kisbu impjieg ma' l-Ordni fil-bereġ, fuq ix-xwieni u fit-tarzna. Kien hemm ukoll dawk li saru midħla ta' xi kavallier jew xi nobbli, għax dawn kienu jfittxuhom biex jaqduhom fil-bżonnijiet tagħhom fi djarhom. Il-kappillan kien jikteb l-ismijiet tagħhom fir-reġistru b'mod li jispikka biex juri li kienu nies li jixirqilhom stima.

Fil-21 ta' Dicembru 1567 fil-magħmudija ta' Tumas iben Duminku Briffa u martu Ġovanna, il-parrini kienu Fra Robertus de Chaze, Albert Ferret u Gieronimo Cassar[21]. Il-kaptani ta' Birmiftuh Fra Gulielmo Henrico de Warsbergh[22], Fra Joannes Baptista Costantino[23], Fra Philibertus Spina d'Ulam[24], Fra Vincentius Falconesi[25], u kavallieri oħrajn fosthom Fra Francesco Dalpoy deBristo[26], Fra Ubert di Montelione[27], Fra Joannes Henrico de Katufen[28], Fra Laurentius Donnes[29], u Fra Horatii de Ponti[30] jidher li kellhom rabtiet tajbin ma' l-inħawi ta' Birmiftuħ għax kienet spiss il-preżenza tagħhom fil-magħmudija ta' trabi minn kull raħal li kien hemm f'Birmiftuħ. Fit-2 t'Awissu 1592 Dun Gaspar Grixti viċi kappillan ta' Birmiftuħ għammed lil Duminku iben Marju Tart (Attard) u martu Lugretia minn Ħal Tarxien. Għal din l-okkażżjoni l-parrinu kien il-Kaptan tal-Virga Joannes Maria de Casia[31].

Fis-26 ta' Settembru 1666 il-kappillan Asciac tal-knisja ta' San Lawrenz tal-Birgu bil-permess speċjali tal-kappillan tal-Gudja Dun Ġwann Gatt, għammed lil Wistin tarbija ta' Marku Camilleri u Katarin mill-Gudja. Il-parrinu kien Dominus Hyppolitus Novanteri[32]. Fit-3 ta' Frar 1684 meta l-kappillan Dun Vinċenz Grixti għammed lit-tarbija ta' Marozz Habela u Marija, il-parrinu kien l-istess Dominus Hyppolitus Novanteri u it-tarbija issemmiet Wistin. Ippolito Novanteri kien Nobbli minn Sirakuża jgħix hawn Malta. Kellu d-dar tiegħu l-Birgu u dar oħra tal-kampanja fl-inħawi tal-Brolli bejn il-Gudja u Birżebbuġa, fil-post li llum hu magħruf Ta' Pultu. Jidher li dan Novanteri kellu ilsir li maż-żmien tagħmmed, semmieh Antonju u tah ukoll kunjomu. Fit-28 t'Awissu 1713, dan Antonju Novanteri kien parrinu fil-magħmudija tat-tarbija Antonju ta' Paskal Dalli u Madalena mill-Gudja. Il-Kappillan kiteb fir-reġistru li l-parrinu kien l-ilsir fidil ta' Dommini Hyppoliti[33]. Fit-13 ta' Gunju 1715 u fl-10 ta' Dicembru 1729 Antonju Novanteri kien parrinu wkoll, iżda f'dawn iż-żewġ okkażżjonijiet il-kappillan ma kitibx il-kelma 'mancipium' (lsir) iżda Antonius Novanteri biss. F'dawn iż-żewġ okkażżjonijiet it-trabi ssemmew Antonius u Hipolitus Paulus rispettivament[34].

Familji sinjuri kienu jidhru wkoll meta quddiem isem ir-ragel tinkiteb il-kelma '*mastro*' jew

jew *'illustrissimus'* u quddiem isem il-mara tinkiteb il-kelma *'consortie'* jew *'discreta'* jew it-tnejn flimkien. Xi drabi minbarra t-titlu li semmejt kienet ukoll tissema l-professjoni jew is-sengħa jew il-kariga tal-persuna.

*'Mastro'* Marjanu Mangion u Marietta Camilleri *'sua consortie'* iżżewġu fil-knisja parrokkjali ta' Birmiftuħ fit-23 ta' Settembru 1586[35]. Miż-żwieġ tagħhom kellhom tmien ulied. Fil-mamgħudija ta' kull wild kien hemm parrinu xi persuna ta' professjoni, jew reliġjuża, jew membru ta' l-Ordni. Fosthom Fra Simon de Marchese de Clauesana, Paulus Cassar judiche della corte capitanale Citta Notabile, Fra Francisco di Faulguier commendatore, Fra Ceasare Violardi eques Hyerosolimitani, u Fra Jacobus Corogna medicina doctor[36].

Fit-twelid tal-ħames ulied ta' Rużar Formosa u martu Maria Tereża Żammit naraw li fil-magħmudija ta' l-ewwel tlieta l-kappillan jikteb biss Rosarius Formosa, iżda f'dik tar-raba' u l-ħames wild jikteb Mastro Rosarius Formosa. Ir-raba' wild twieled fis-6 ta' Settembru 1861[37]. Rużar Formosa kien l-imgħallem bennej tal-kampnar li ddisinja William Baker għall-knisja tal-Gudja, u wara li wera ħiltu f'dak ix-xogħol bejn 1858 u l-1860 beda jissejjah Mastru (mgħallem).

Fit-12 ta' Settembru 1620 il-kappillan Dun Mario Mallia ghammed lil Katarina bint Cosma Grixti u Isabella. Il-parrinu kien Illus. C. Fra Pilippus Guilielmus de Stroini[38]. Fil-11 t'April 1623 Magnificus Georgius Falson kien il-parrinu fil-mamghudija ta' Joanne Andrea iben Anglu Cafor u Joannella[39].

Wieħed jista' wkoll jara sitwazzjonijiet oħrajn tal-poplu tar-raħal permezz ta' dan l-arkivju. Għalkemm jidher li kien hawn xi familji sinjuri, l-faqar li kien isaltan fl-irħula tagħna kien kbir. Diversi legati kienu jaħsbu għall-għajnuna fid-dota lil xi xebba fqira. Numru ta' legati kienu wkoll jipprovdu ikla f'nhar xi festa partikulari lil numru ta' nies fqar fir-raħal. Fid-*'Defunctorum'* spiss tidher il-kelma *'povero'*, li kienet tfisser li ma kellux biex jitħallsu l-ispejjeż tal-funeral. Uħud kien jinqdew bis-sitwazzjoni tal-faqar u xi nisa kienu jitilfu ġieħhom basta jkollhom biex jitrejqu. Għadd ta' trabi kienu jsibu ruħhom mitluqin fuq l-għatba tal-bieb ta' xi knisja.

Fl-20 t'Awissu 1581 il-kappillan għammed lit-tarbija li nstabet mitluqa fil-knisja tal-Madonna Ta' Loretu, il-parrinu kien Randu Xricha u semmih Beranrdinu[40]. Fit-22 ta' Frar 1606 il-kappillan Mario Mallia għammed b'kundizzjoni tarbija oħra misjuba fi-knisja Ta' Loretu. Il-parrinu kien Stefanus Cubia u semmieha Lucretia[41]. L-istess kappillan Mallia fit-30 t'Awissu 1609 għammed b'kundizzjoni tarbija oħra li instabet mitluqa fil-Gudja. Il-parrinu kien ġann Pawl Barbara u semmieh Feliċ[42]. Fit-22 ta' Jannar 1629 Dun Mario Mallia reġa' għammed tarbija oħra misjuba fil-knisja ta' Santa Katarina fil-Gudja[43]. Fit-28 ta' Lulju 1633 għammed tarbija oħra misjuba fil-knisja ta' San Mark fil-Gudja. Parrina kienet Dominica Hellul u semmiet lit-tarbija Cornelia[44]. Fil-25 ta' Settembru 1641 il-kappillan Dun Gakbu Formosa għammed b'kundizzjoni lit-tarbija misjuba fil-knisja ta' Santa Katarina fil-Gudja. Il-parrina kienet Speranza Mangion u semmiet lit-tarbija Josephu[45]. Fis-17 ta' April 1660 il-kappillan Dun Gwann Gatt għammed tarbija li nstabet mitluqa fil-knisja Ta' Loretu. Il-parrinu kien Nicola Bugeja u semma lit-tarbija Augustinu[46]. Fil-21 t'April 1680 Dun Vinċenz Grixti kappillan għammed b'kundizzjoni lit-tarbija li nstabet dakinhar stess fil-knisja rurali tal-Lunzjata. Il-parrina Sapjenza mart ġanni Gauci semmiet lit-tarbija Sapjenza[47].

ħafna trabi oħrajn, il-qabla kienet tmur bihom il-knisja biex il-kappillan jgħammidhom u jsib min jieħu ħsiebhom, għax hi kienet tgħidlu li l-ġenituri tat-tarbija m'humiex magħrufin. Dan kienet tagħmlu għax kienu jorbtuha b'xi ġurament biex ma tikxifx min kienet l-omm tat-tarbija. Oħrajn ma tantx kienu jħabblu rashom biex jgħidu li ma jafux min kien il-missier tat-tarbija u kien jingħata l-kunjom ta' l-omm, u f'xi każijiet minnhom il-kappillan kien jurihom billi ħdejn isem l-omm jikteb il-kelma bil-Latin 'soluta' (ċerċura). Oħrajn li l-ġenituri tagħhom mhux magħrufin kien jisfaw mingħajr kunjom, għalkemm f'żewġ każi, wieħed kien ingħata l-kunjom Spiteri u l-ieħor kien ingħata l-kunjom Barbara.

Fit-2 ta' Diċembru 1560 Dun Bartilmew Mangion għammed lil Agnesa, tarbija li ġabuha minn Ħal Tarxien biex titgħammed, iżda l-ġenituri ma kienux magħrufin[48]. Fil-11 t'April 1611 il-kappillan Mallia għammed lil Anġelika t-tarbija ta' Duminka bint Ferdinandu. Il-missier tat-tarbija ma kienx

Fl-1628 l-istess kappillan għammed lil Kornelju iben Ġilora 'soluta', u missier mhux magħruf[50]. Fit-12 ta' Diċembru 1776 Dun Ġużepp Saliba kappillan tal-Gudja għammed lit-tarbija ta' Reġina bint Ġużeppi parruċċana ta' ħal Qormi, u l-missier tat-tarbija ma kienx magħruf[51].

Dan ir-reġistru jagħtina wkoll ġabra ta' tagħrif ieħor bħal kemm kienu jitwieldu trabi kull sena f'kull raħal li kien hemm f'Birmiftuħ u iktar tard fil-Gudja. Iżda mhux dejjem tista tkun eżatt fil-figuri għax xi partijiet mill-manuskritt huma mikulin biż-żmien u hemm xi perjodi żgħar neqsin għax kienu ntilfu xi folji qabel ma' l-kotba kollha fl-arkivju kienu miġburin u llegati f'volumi. Perjodu ieħor nieqes huwa bejn Mejju u Settembru tal-1565 waqt l-Assedju l-Kbir[52]. It-twelid ta' dak iż-żmien jinsab l-Mdina jew il-Birgu skond fejn kienu n-nies ta' l-irħula.

## RIFERENZI


[1] Il-lum din il-propjeta tinsab amministrata mill-Uffiċċju Konġunt.
[2] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.573;
[3] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part I fol.36;
[4] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part I fol.20;
[5] A.P.Gudja – Matrim. Vol.I fol.767;
[6] A.P.Gudja – Matrim. Vol.I fol.798;
[7] A.P.Gudja – Ktieb Nru. 142 'Libro Calcoli e Notizie Diverse' fol.32;
[8] A.P.Gudja - Ktieb Nru. 142 'Libro Calcoli e Notizie Diverse' fol.32;
[9] A.P.Gudja – Defun. Vol.III fol.176;
[10] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.590;
[11] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part I fol.2;
[12] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part.III fol.938;
[13] A.P.Gudja – Bapt. Vol.III fol.76;
[14] A.P.Gudja – Matrim. Vol.III fol.184;
[15] A.P.Gugja – Bapt. Vol.V fol.54;
[16] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part II fol.131;
[17] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.521;
[18] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.536;
[19] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.546;
[20] A.P.Gudja – Bapt. Vol.II fol.54
[21] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part II fol.91;
[22] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.545, 646, 647, 648, 676, 661, 691;
[23] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.925;
[24] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.663;
[25] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.667;
[26] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.544, fol.551;
[27] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part II fol.161;
[28] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.639;
[29] A.P.Gudja – Bapt. Vol.II fol.154;
[30] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.581;
[31] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.553;
[32] A.P.Gudja - Bapt. Vol.I Part III fol.964;
[33] A.P.Gudja – Bapt. Vol.II fol.107;
[34] A.P.Gudja – Bapt. Vol.II fol.112, 170;
[35] A.P.Gudja – Matrim. Vol.
[36] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part II fol.471, Vol.I Part III fol.515, fol.538, fol.555, fol.558, fol.595, fol.608;
[37] A.P.Gudja – Bapt. Vol.IV fol.30, fol.45, fol.62, fol.85, fol.106;
[38] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.653;
[39] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.661;
[40] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part II fol.362;
[41] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.611;
[42] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.621;
[43] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.675;
[44] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.687;
[45] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.923;
[46] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.948;
[47] A.P.Gudja – Bapt. Vol.II fol.12;
[48] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part I fol.39;
[49] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.627;
[50] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.673;
[51] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I Part III fol.178;
[52] A.P.Gudja – Bapt. Vol.I


Mario Gatt, Gudja

